**11 ta' Ġunju, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius, B.A., LL.D.**

John Grech

*versus*

Saviour Abela

## Ritrattazzjoni - Talba *Extra Petita* - Artikolu 811 (f) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

*Talba għal ritrattazzjoni fuq bażi li s-sentenza giet mogħtija fuq ħaġa mhux mitluba fit-talba.*

*Ġiet miċħuda t-talba wara li l-Qorti irrifflettiet illi hu paċifiku fil-gurisprudenza illi f'kaz ta' proċeduri ċivili quddiem il-Qorti tal-*

*Maġistrati l-avviż hu ta' natura tali li anke l-kawżali tista' tinbidel.*

Il-Qorti:-

Fit-12 ta' Jannar, 1996, din il-Qorti ppronunzjat is-segwenti, sentenza fil-kawża bl-ismijiet premessi:

"Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju, 1995, li minnha ġie interpost l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Rat l-avviż li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma minnu dovuta ta' sebgħa u sebgħin lira Maltija u tlieta u sebgħin ċenteżmi (Lm77.73ċ) rappreżentanti ħlas ta' appoġġ ta' parti mill-bini ta' *Swallow Garage* u l-bini ta' fuqu proprjeta` tal-konve"ut fi Triq Santa Rita, Birżebbuġa, mar-residenza ta' l-attur "Villa Susan", Triq San Tumas, Birżebbuġa, u dana skond kont unit ma' l-avviż Dok. A rilaxxat mill-Perit Arkitett Michael Schembri A. & C.E.;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-14 ta' Ottubru, 1992, ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru, 1992 u kif ukoll bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut eċċepixxa li:

Illi t-talba ta' l-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż stante li kull ma hija dovuta hija s-somma ta' Lm28.15ċ li huwa

offra kemm-il darba lill-attur, kif jidher mill-anness *cheque* iddatat 28 ta' Settembru, 1991 u kif jidher mill-kont rilaxxat mill-Perit Joseph Sapienza. Għal kull buon fini huwa qiegħed ukoll jiddeposita tali ammont taħt l-awtorita` ta' din il-Qorti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Rat id-digriet tan-nomina tal-Perit Legali;*

Rat ir-relazzjoni peritali;

Rat illi l-Perit Legali ikkonkluda li:

Għaldaqstant, dwar it-talba attriċi, l-ammont ta' l-apoġġ ivarja skond kif għandu jiġi aċċettat jew le, id-dokument Dok. P bħala li jorbot lill-konvenut biex iħallas għall-appoġġ irrispettivament minn konsiderazzjonijiet oħrajn. Jekk il-konvenut huwa obbligat b'dan id-dokument li jħallas għall-ħajt kollu li miegħu ġie jagħmel il-bini li kkostruwixxa, allura hija l-opinjoni ta' l-esponent li l-konvenut hu a tenut *li jħallas lill-*attur is-somma ta' Lm68.35 (u mhux Lm77.73 kemm qed jippretendi l-attur). Jekk il-konvenut mhux ivvinkolat bid-Dok. P1 allura hija l-opinjoni ta' l-esponent li l-konvenut huwa tenut li jħallas lill-attur għal dawk il-partijiet biss tal-ħajt li fil-fatt għamel użu minnhom u la kellu jħotthom u jerġa' jibnihom u *lanqas dak fejn kellu jintroduċi travu peress li ma felaħx għall-*piżijiet li kien ser jiġi soġġett għalihom, u dan l-ammont huwa Lm30.15 (u mhux Lm28.15 kif offra l-konvenut). Dwar l-ispejjeż u l-interessi pretiżi mill-attur, l-esponent mhux kompetenti li jirrelata;

A *rigward in-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-*konklużjoni ta' l-esponent hija l-istess bħal fil-paragrafu preċedenti, ma ġewx issollevati eċċezzjonijiet ulterjuri;

Pero` din *il-Qorti sejra tikkwota ukoll 10 sa 20 tar*-relazzjoni għax jesponu sewwa l-problema f'din il-kawża;

Dawn *it-tliet ritratti Dok. R4 sa R6* għandhom *importanza* għall-każ peress li jindikaw b'ċarezza li l-ħajt tal-ġnien tal-fond ta' l-attur ċertament f'din il-parti ma kienx mibni b'pedamenti skond l-arti u s-sengħa;

Dawn il-pedamenti il-perit Sapienza xehed dwarhom "Il-*pedament kien b'ġebel imqiegħed f'ħafna ħamrija; lanqas kien* direttament fuq il-blat il-pedament, u lanqas kien hemm konkos taħtu; dan għall-ħajt li in parti huwa ħajt ta' bitħa ta' l-attur u in parti bini". Din ix-xhieda *tal-perit Sapienza għandha, fl*-opinjoni ta' l-esponent, tiġi aċċettata, din mhix xi opinjoni iżda hi konstatazzjoni dwar fatt, ċjoe` dwar kif kien il-pedament, u tali konstatazzjoni saret *minn persuna* kompetenti u ċjoe` il-perit diriġenti x-xogħol tal-bini tal-konvenut;

Fir-ritratti jidher *ukoll li din il-parti tal-ħajt kien fiha* numru ta' konsenturi. In kontro-eżami, Rokku Schembri ma qabilx li dawn kienu ġew ikkaġunati mill-pajp li hemm imwaħħal mal-ħajt, kif ġie *lilu suġġerit;*

L-esponent ħuwa ta' l-opinjoni li l-kawża prinċipali ta' dawn il-konsenturi kienet din il-pajp; pero` *ċertament, il*-pedament defiċjenti li fuqhom kien imtella' dan il-ħajt kellhom ukoll xi kontribut għal din il-ħsara, anke jekk stess fi grad żgħir;

Il-konvenut xehed li meta l-ewwel kellem lill-attur biex iħott il-ħajt, l-attur ma riedx; pero` sussegwentement l-attur kif xehed *huwa stess, ippremetta li din il-parti tal-ħajt tinħatt wara* li l-konvenut intrabat dwar diversi kundizzjonijiet imposti lilu mill-attur bl-iskrittura Dok. P1 annessa ma din ir-relazzjoni;

Dwar Dok. P1 il-konvenut xehed "Erġajt kellimtu u ffirmajtlu karti li jħallsu, u kkonferma li din il-karta hija Dok. P1;

Il-perit Sapienza xehed li huwa xtaq iħottu kollu l-ħajt; l-attur oġġezzjona. Jidher li l-oġġezzjoni prinċipali ta' l-attur kienet tirrigwarda li jinħatt it-taraġ, stante illi l-perit Sapienza xehed "Il-ħajt li ssuġġerejt li jinħatt kien jinvolvi taraġ ta' miegħu. Anke kien hemm suġġeriment li jinfired it-taraġ u jinħatt il-ħajt, pero` dwar dan ma kienx hemm qbil";

F'dan l-istadju huwa opportun li jiġi eżaminat id-Dokument P1. Ma hemm ebda dubbju dwar li l-kontenut ta' dan id-dokument ġie aċċettat mill-konvenut, minbarra li jġib il-firma tal-konvenut, l-istess konvenut ammetta fix-xhieda tiegħu li ffirmah;

Huwa l-aħħar paragrafu li għandu rilevanza għall-kwistjoni odjerna, u ċjoe` dwar il-ħlas ta' l-appoġġ. L-esponent iħoss illi huwa opportun li jirripproduċi dan il-paragrafu *verbatim* f'dan l-istadju tar-relazzjoni:

"*Għaldaqstant id-dritt tal-ħlas ta' l-appoġġ nirrikonoxxih xorta waħda lill-istess Sinjur John E. Grech għall-ispejjeż tiegħu. Dan ser isir għall-bżonnijiet tiegħu wara li ngħatali permess mill-istess sid għat-talba tiegħi*";

Hija l-opinjoni ta' l-esponent illi normalment meta ħajt ikollu jinħatt u jerġa' jinbena minħabba li ma jkunx konformi ma' l-esiġenzi ta' min ser jibni miegħu, is-sid tal-bini l-qadim m'għandu ebda dritt għall-ħlas ta' appoġġ għal tali parti. Ir-raġuni hija ovvja, is-sid tal-bini l-ġdid ma jkun għamel ebda użu mill-ħajt il-qadim la darba kellu jħottu biex jista' jibni il-ġid anzi ikun daħal għall-ispejjeż għalih inutili biex inħatt il-ħajt il-

qadim;

L-esponent mhux kompetenti biex jirrelata dwar il-validita` legali ta' l-aħħar kundizzjoni ta' l-iskrittura Dok. P1. Jekk din hija valida legalment, allura il-konvenut huwa tenut li jħallas għall-appoġġ kollu kif pretiż mill-attur u kif jirriżulta mill-kont redatt mill-perit Schembri Dok. A anness ma' l-avviż, dana apparti kunsiderazzjonijiet dwar il-kejl li jiġu ttrattati iżjed 'il quddiem f'din ir-relazzjoni. Jekk l-iskrittura Dok. P1 m'għandha ebda validita` legali, allura huwa fuq il-kont redatt mill-perit Sapienza (Dok. B anness man-Nota ta' Eċċezzjonijiet li l-konvenut huwa tenut li jħallas għall-appoġġ minnu effettwat mal-bini ta' l-attur (ukoll apparti konsiderazzjonijiet dwar il-kejl);

Ikkunsidrat:

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-kawża fuq l-obbligu tal-konvenut illi ffirma d-Dokument P1 li jħallas għal dak li ffirma. Għall-ewwel din tidher ħaġa loġika - trid tħallas għall-obbligi li tkun assumejt. Il-konvenut meta ried jibni aċċetta dan u għalhekk għandu jħallas. Pero` l-attur qiegħed jinsa l-obbligu tiegħu u ċjoe` li meta jibni ħajt diviżorju u bnieh fil-linja medjana hu kellu l-obbligu li jibnieh kif suppost. Dan hu obbligu li joħroġ ċar mil-liġi u l-attur responsabbli għall-konsegwenzi ta' l-att tiegħu. Fi ftit kliem responsabbli għal dak kollu li joħroġ mill-fatt li bena l-ħajt ħażin u li kkawża din il-problema kollha;

Għalhekk mill-mod prattiku jew wieħed ikollu jqis id-Dokument P1 bħala mhux legalment validu għax vizzjat minħabba l-mod kif ġie moralment inforzat fuq il-konvenut li kien sejjer ma jistax ikompli l-bini tiegħu, jew li kieku stess dan kollu jitqies bħala validu, xorta l-attur ikun responsabbli għad-

danni riżultanti li huma proprju l-ispejjeż inkorsi mill-konvenut minħabba l-aġir ta' l-attur. *Iż-żewġ soluzzjonijiet kienu jwasslu* għall-istess eżitu;

Pero` mill-punt legali u mhux prattiku, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-iskrittura Dok. P1 mhux valida għax vizzjata;

Dan hu ukoll konformi mal-prattika kostanti li meta jinħatt ħajt biex jerġa' jinbena għax mhux konformi ma' l-esiġenzi, sid il-bini l-qadim ma għandu dritt għal ebda ħlas ta' appoġġ għal tali parti u dan għax ma jkun qiegħed jagħmel ebda użu mill-ħajt il-qadim. Kif jista' għalhekk l-attur, jippretendi li l-konvenut iħallsu ta' l-użu tal-ħajt meta dan ma użahx, anzi kellu jagħmel *l-ispejjeż biex iwaqqgħu. Li kieku irriżulta meta inħatt il-ħajt li* dan kien inbena b'mod regolari u li l-operazzjoni biex jinħatt kienet waħda inutili, il-każ kien ikun il-kuntrarju, iżda ġie ppruvat teknikament *li l-ħajt ma kienx mibni kif suppost*;

L-eċċezzjoni tal-konvenut hi li kull mhu dovut Lm28.15 li ġa` ġie offrut *lill-attur liema somma ġiet ukoll depositata l-*Qorti. Skond il-konteġġ tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti, l-ammont dovut hu ta' Lm30.15 u mhux ta' Lm77.73 kif pretiż *mill-attur. Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut, tikkundanna lill-*konvenut iħallas lill-attur Lm30.15,0 u in kwantu a spejjeż (1/15) parti minn ħmistax kontra l-konvenut u 14/15 (erbatax minn ħmistax) kontra l-attur. L-imgħax legali *fuq is-somma ta'* Lm30.15 jiddekorru mil-lum";

*Rat in-nota u l-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur John Grech* li permezz tagħhom talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata minnu, fis-sens illi din il-Qorti tirriġetta l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *appellat u tilqa' t-talbiet tiegħu fis-*somma ta' Lm68.35 (tmienja u sittin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu) bl-imgħax minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-

30 ta' Ottubru, 1992 bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut *appellat*;

Rat ir-risposta ta' l-appellat;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fis-sottomissjonijiet li ġejjin li din il-Qorti sejra telenkahom peress li taqbel essenzjalment magħhom:

Illi a bażi tad-Dok. P1 il-konvenut kien irrikonoxxa u ffirma li jħallas l-appoġġ tal-ħajt li kien ser iserraħ parti mill-bini tiegħu miegħu u għalhekk fuq dan biss, il-kwistjoni kellha, skond hu, tieqaf hawn. Skond l-appellant, il-konvenut huwa tenut bil-liġi li jħallas għal dak li daħal għalih u obbliga ruħu li jħallas għalih liberament;

Fl-ebda mument waqt it-trattazzjoni tal-kawża ma nqalgħet il-kwistjoni dwar il-validita` o meno ta' l-iskrittura Dok. P1 jew dwar xi vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenut;

*Lanqas il-kwistjoni ta' danni li skond l-Ewwel Onorabbli* Qorti sofra l-konvenut ma ġiet issollevata jew qatt diskussa bejn il-partijiet fil-prim'istanza. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma kinitx mitluba biex tillikwida danni iżda biex tillikwida ħlas ta' appoġġ;

*Finalment, illi l-ħajt in kwistjoni kien ħajt ta' bitħa filwaqt* li l-konvenut ried jibni tliet sulari konsistenti f'*garage* enormi kummerċjali u residenzi sovrastanti u kien minħabba l-esiġenzi

tiegħu personali li l-konvenut kien jeħtieġlu parti mill-ħajt *de quo* u jinfurzah għax altriment l-ħajt kien tajjeb. Dan ifisser li l-konvenut waqqa' parti mill-ħajt biex jinqeda hu;

Ikkunsidrat:

Kif diġa` qalet din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-attur appellat fis-sens li ser jingħad:

Jidher li l-Ewwel Qorti mingħajr ma kien hemm eċċezzjoni *ad hoc* u mingħajr ma ġiet mitluba, iddeċidiet fuq il-validita` o meno ta' l-iskrittura Dok. P1. Fuq dan jiżdied biss illi l-istess konvenut meta kkontesta l-kawża fil-prim'sitanza ma semma xejn dwar kemm kien jikkunsidra valida jew mhux valida l-iskrittura Dok. P1 li biha intrabat kif hemm fiha, iżda kkontesta biss l-ammont ta' l-appoġġ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, l-Ewwel Qorti ma kellhiex dritt li mingħajr ma l-partijiet jikkontestaw il-validita` ta' l-iskrittura msemmija, tiddeċidi li hi invalida fil-liġi u wisq anqas kellha d-dritt illi tiddeċidi illi kienet invalida minħabba vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenut, li kif ingħad hu stess ma kkontestahiex, għal dik li hi validita` - dan apparti l-kwistjoni jekk setgħetx tiġi kkontestata fl-istess kawża *per via di eccezione* jew jekk kellhiex isir kawża *ad hoc*;

Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet dwar il-kostruzzjoni jew l-istat ta' kostruzzjoni ħażin tal-ħajt li effettivament ġie mwaqqa' mill-konvenut u danni li seta' sofra l-konvenut - kif jidher mill-istess sentenza. Bir-rispett kollu, pero`, din il-Qorti ma tarax illi dan kien fit-termini tal-vertenza li kienet quddiem l-Ewwel Qorti u dak li ġie kkunsidrat minnha kien effettivament kompletament *extra petita* u ma kienx jifforma anqas parti mid-dibattitu li sar fil-prim'istanza. Din il-Qorti tifhem is-sens ta' ġustizzja li ppruvat turi l-Ewwel Qorti

fil-materja in disputa bejn il-partijiet, pero`, wieħed irid joqgħod *għal-limitazzjoni li timponi l-liġi proċedurali li ma* tippermettix illi jsir dak illi sar f'dan il-każ;

Konsiderazzjoni oħra ta' l-Ewwel Qorti illi skond il-prattika kostanti meta jinħatt ħajt biex jerġa' jinbena għax mhux konformi ma' l-esiġenzi, sid il-bini l-qadim m'għandu dritt għal ebda *ħlas ta' appoġġ għal tali parti huwa bir-rispett kollu ukoll* totalment irrilevanti għall-kwistjoni, peress li dak li jħoll u jorbot f'dan il-każ huwa effettivament id-Dok. P1, illi l-Ewwel Qorti deherilha illi kellha tinjora, iżda li din il-Qorti ma tistax tinjora;

*Is-somma li l-attur qiegħed jitlob illum f'dan l-istadju hija* konformi ma' dak illi llikwida l-Perit Legali u ċjoe` ta' Lm68.35 (tmienja u sittin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu) illi din il-Qorti jidhrilha illi għandha tiġi akkordata;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement *tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-*konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi u tillikwida l-appoġġ dovut fis-somma ta' Lm68.35 (tmienja u sittin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu) li l-konvenut qed jiġi ordnat iħallas lill-attur appellant. Bl-imgħax kif mitlub. Spejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut appellat";

Fit-2 ta' April, 1996, permezz ta' rikors ta' ritrattazzjoni l-konvenut Saviour Abela talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza fuq imsemmija, ċjoe` din tat-12 ta' Jannar, 1996 u kull att relattiv u sussegwenti għaliha, u tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawża u tiċħad it-talba ta' l-intimat *(attur) Grech kontenuta fl-avviż promutur ta' l-istess kawża* - bl-ispejjeż kollha kontra r-ritrattant;

Ir-ritrattant qed jitlob ir-ritrattazzjoni a bażi ta' l-artikoli 811 (f) tal-Kap. 12, liema disposizzjoni tagħmel possibbli r-ritrattazzjoni meta s-sentenza tkun ġiet mogħtija fuq ħaġa mhix imdaħħla fit-talba;

Skond ir-ritrattant is-sentenza li qed jitlob li tiġi ritrattata ġiet mogħtija fuq ħaġa li ma kinitx imdaħħla fit-talba u dan għar-raġunijiet segwenti:

L-attur fil-kawża msemmija, ċjoe` John Grech, kien talab fl-avviż promoturi "Li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attur is-somma minnu dovuta ta' Lm77.35ċ rappreżentanti ħlas ta' appoġġ ta' parti mill-bini ta' Swallow Garage u l-bini ta' fuqu proprjeta` tal-konvenut fi Triq Santa Rita, Birżebbuġa, mar-residenza ta' l-attur Villa Susan, Triq San Tumas, Birżebbuġa, u dana skond kont unit ma' l-avviż, Dok. A, rilaxxat mill-perit arkitett Michael Schembri;

Is-sentenza msemmija li qed tintalab ir-ritrattazzjoni tagħha, liema sentenza rriformat dik mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, qablet mas-sottomissjoni ta' l-appellant (Grech) li a bażi tad-Dok. P1, il-konvenut kien iffirma li jħallas l-appoġġ u għalhekk il-kwistjoni kellha tieqaf hawn;

L-attur Grech kien ibbaża għal kollox l-appell tiegħu fuq l-iskrittura msemmija li kienet saret qabel ma sar ix-xogħol in kwistjoni;

Din il-Qorti fis-sentenza, li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, qalet li la darba ma ġietx kontestata l-validita` ta' din l-iskrittura t-talba ta' l-attur kellha tiġi akkolta;

Kwindi, skond ir-ritrattant, waqt li l-avviż promotur talab kundanna għall-ħlas ta' appoġġ, is-sentenza ta' din il-Qorti

akkoljiet it-talba ta' l-attur a bażi ta' skrittura;

Oltre dan kollu, ir-ritrattant jissottometti ukoll li din il-Qorti ma daħlitx fil-kwistjoni jekk l-appoġġ kienx l-ammont mitlub mill-attur jew dak li ngħata mill-Qorti tal-Maġistrati, iżda una volta qablet mat-teżi ta' l-attur Grech, aderit għat-talba tiegħu mingħajr din l-investigazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tar-ritrattant li s-sentenza ta' din il-Qorti li qed jitlob li tiġi ritrattata ddeċidiet fuq materja li ma kinitx imdaħħla fit-talba u dan għar-raġunijiet segwenti:

It-talba ta' l-attur fl-att promotur kienet biex il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu Lm77.37 rappreżentanti ħlas ta' appoġġ skond kont ta' l-Arkitett Michael Schembri;

L-użu tal-kliem "skond kont ... ma jfissirx ħlief liema somma kif kwantifikata u spjegata fil-kont tal-Perit imsemmi;

Il-konvenut ma eċċepix li ma kien dovut ebda appoġġ iżda li kienet dovuta biss is-somma ta' Lm28.15 kif jidher mill-kont rilaxxat mill-Arkitett Joseph Sapienza;

Il-perit legali nnominat mill-Qorti tal-maġistrati fil-paragrafu 35 tar-relazzjoni tiegħu wasal għall-konklużjoni segwenti:

"Għaldaqstant, dwar it-talba attriċi, l-ammont ta' l-appoġġ ivarja skond kif għandu jiġi aċċettat jew le id-dokument Dok. P1 bħala li jorbot lill-konvenut biex iħallas għall-appoġġ

irrispettivament minn konsiderazzjonijiet oħrajn. Jekk il-konvenut huwa obbligat b'dan *id-dokument li jħallas għall-ħajt* kollu li miegħu ġie jagħmel il-bini li kkostruwixxa, allura hija l-opinjoni ta' l-esponent *li l-konvenut huwa* tenut li jħallas lill-attur is-somma ta' Lm68.35 (u mhux Lm77.73 kemm qed jippretendi l-attur). Jekk il-konvenut mhux ivvinkolat bid-Dok. P1 allura hija l-opinjoni ta' l-esponent li l-konvenut huwa tenut li jħallas lill-attur għal dawk il-partijiet biss mill-ħajt li fil-fatt għamel użu minnhom u la kellu jħotthom u jerġa' jibnihom u lanqas dak fejn kellu jintroduċi travu peress li ma felaħx għall-piżijiet li kien ser jiġi soġġett għalihom u dan l-ammont huwa Lm30.15 (u mhux Lm28.15 kif offra l-konvenut)";

Proprju l-ewwel konsiderazzjoni li għamlet il-Qorti tal-maġistrati fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju, 1995 kienet:

"Illi l-attur qiegħed jibbaża l-kawża fuq l-obbligu tal-konvenut illi ffirma d-Dokument P1 u jħallas għal dak li ffirma";

Il-Qorti tal-Maġistrati mbagħad deħrilha illi l-obbligi assunti mill-konvenut *fid-Dokument P1 ma kinux* vinkolanti għaliex l-istess kien vizzjat minħabba l-mod kif ġie moralment sforzat fuq il-konvenut;

Il-konvenut appella u din il-Qorti, *bis-sentenza tagħha*, ddeċidiet dan li ġej:

Li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx, mingħajr ma l-partijiet jikkontestaw il-validita` ta' *l-iskrittura msemmija*, tiddeċidi li hi invalida fil-liġi u li kienet invalida minħabba vizzju tal-kunsens tal-konvenut;

Li meta l-Qorti tal-Maġistrati daħlet fuq aspetti

konċernanti l-istat ħażin tal-ħajt li effettivament ġie mwaqqa', dan kien joħroġ minn dak li l-Qorti kienet ġiet adita tiddeċidi;

Il-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li meta jinħatt ħajt biex jerġa' jinbena għax mhux konformi ma' l-esiġenzi, sid-il bini l-qadim m'għandux dritt għall-ħlas ta' appoġġ kienet irrilevanti għall-eżitu tal-kwistjoni billi kien jeżisti d-dokument P1 li kien joħloq l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas l-appoġġ;

Minħabba l-eżistenza tad-Dok. P1, li l-istess konvenut qatt ma kkontesta, l-ammont ta' appoġġ dovut kien dak mitlub mill-attur kif aġġustat mill-Perit Legali u mhux l-ammont aċċettat mill-konvenut;

Fl-assenza ta' sottomissjonijiet dwar il-quantum - u dan evidentement għax il-vertenza kollha ġiet tiddependi mill-applikabilita` o meno tad-Dok. P1 b'mod li kienet dovuta jew is-somma reklamata mill-attur jew inkella dik li l-konvenut kien pront iħallas - din il-Qorti rrevokat is-sentenza appellata, akkoljiet it-talbiet attriċi, illikwidat l-appoġġ dovut fis-somma ta' Lm68.35 li l-konvenut ġie ordnat iħallas bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Minn dan kollu hu ovvju li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll quddiem din il-Qorti fl-istanza li wasslet għas-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, kien hemm mill-bidu sa l-aħħar, vertenza waħda, unika u ċjoe` mhux jekk hux dovut ħlas ta' appoġġ iżda jekk l-ammont dovut kienx dak mitlub mill-attur jew dak indikat mill-konvenut. L-ammont reklamat mill-attur kien ikun dovut in forza tad-Dokument P1 mentri dak aċċettat mill-konvenut wieħed kien jasal għalih jekk jiġi injorat kompletament l-istess Dokument P1;

Ormai hu paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna, fis-sens li m'għadx għadu jiġi ddubitat, li fejn si tratta ta' proċeduri ċivili quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-avviż hu ta' natura tali li anke l-kawżali tista' titbiddel. F'dan il-każ partikolari pero` anqas jista' jingħad li kien hemm xi devjazzjoni minn dak li jidher li kien il-bażi tat-talbiet ta' l-attur li bbaża u sostna t-talba tiegħu kif kwantifikata mill-perit tiegħu fuq l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut permezz tad-Dokument P1;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti sempliċement ma tifhimx kif anke lontanament jista' jiġi ritenut li fis-sentenza tagħha hija ddeċidiet xi ħaġa oħra u mhux dak li kienet ġiet adita tiddeċidi. Għalhekk, ċertament mhux il-każ ta' ritrattazzjoni kif pretiż mir-rikorrent;

Għal dawn il-motivi, it-talba tiegħu għar-revoka u ritrattazzjoni tas-sentenza tagħha tat-12 ta' Jannar, 1996, qed tiġi respinta bl-ispejjeż a kariku tiegħu.